MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 47/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jonathan Attard talli fil- 14 ta' April 1999, xi hin bejn l-11.30p.m. u nofs il-lejl, fit-triq Bellavista, San Gwann, volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut jew dar ta' abitazzjoni, jew bini iehor jew xi lok iehor, u cioe` billi qabbad il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Alfred Agius, u cioe` liema residenza tinsab f'numru 16, Anchor Court, Triq Bellavista, San Gwann, meta huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt gewwa l-istess residenza kien hemm s-sid, Alfred Agius u membri tal-familja tieghu, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 316, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, volontarjament hassar jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi haraq l-bieb ta’ barra tar-residenza u kif ukoll ghamel hsara ohra, ghad-dannu ta’ Alfred Agius, u liema hsara teccedi l-Lm100 (mitt Liri Maltin), izda ma teccedix l-Lm5000 ( hamest elef Liri Maltin), u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 325, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, huwa ghamel jew xjentement zamm, jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu, xi sustanza esploziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghti ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb, illi huwa ghamel, zamm jew kien ghandu ghall-hsieb mhux lecitu, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikoli 313 u 314, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-familja Agius, billi xerred u qabbad xi sustanza jew likwidu li jisplodi jew li jinharaq jew li huwa korroziv, fuq il-bieb tar-residenza, tal-imsemmi Alfred Agius u martu, u liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta` tieghu, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikoli 41, 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.;

Talli huwa recidiv b'sentenzi definittivi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) fejn fit-8 ta' Ottubru, 1997, kien immultat minn Awla Nru: 7, Lm415 multa wara li nstab hati dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, u kif ukoll talli fid-19 ta' Dicembru, 1997, minn Awla Nru: 11, kien immultat Lm250 multa wara li kien instab hati dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, u kif ukoll talli nhar il-25 ta' Marzu, 1999, minn Awla Nru: 11, kien immultat Lm250 multa wara li kien instab hati dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jonathan Attard hati

ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta’ hames snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Jonathan Attardipprezentat fil-5 ta' Marzu 2004 u li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li xorta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu pero` tnaqqaslu l-piena anke ghal wahda sospiza ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali aggornata ta' l-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti wara li fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2003 l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni u xehed u kkonferma l-istatement li kien ghamel lill-Pulizija fil-31 ta' Mejju 1999, liema statement kien ukoll ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-1 ta' Gunju 1999.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant jelenka bhala ragunijiet u attenwanti biex ma jinghatax piena ta' prigunerija: (1) l-ammissjoni bikrija tieghu mal-Pulizija u fi stadju ta' inkjesta wara li kien volontarjament mar ghand

il-Pulizija; (2) ir-riforma tieghu kif jixhed il-fatt li matul l-ahhar tliet snin ma kkommettiex reat iehor; (3) ir-rakkommandazzjoni tal-*probation officer* li jinghata *probation* b'certi kondizzjonijiet;(4) il-fatt li ghandu zewgt itfal minorenni u recentement beda jahdem; (5) li sentenza ta' prigunerija ser terga' tikkagunalu *uprooting*; (6) it-trapass taz-zmien minn meta kkommetta r-reati in kwistjoni u l-komportament tieghu matul dan iz-zmien; (7) u li mhuwiex *a hardened criminal*.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tas-sentenza appellata jirrizultalha li dak kollu rilevanti fil-fatt gie kkunsidrat mill-Ewwel Qorti u ftit hemm x'wiehed izid. Huwa l-kaz li jigi sottolineat pero` li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. E1.18 pagna 1789) naqraw:

**"An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount** *(Hoult* **(1990) 12 Cr. App. R. (S) 180;** *Claydon* **(1993) 15 Cr. App. R. (5) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused** *(Wood* **[1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities** *(Guy* **[1992] 2 Cr. App. R. (5) 24)…. Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage** *(Hollington* **(1985) 82 Cr. App. R. 281;** *Okee* **[1998] 2 Cr. App. R. (5)199)…. The leading case in this area is** *Costen* **(1989) 11 Cr. App. R. (5) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence,**

**and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. "**

Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-linji ta' gwida enuncjati mill-qrati Inglizi ghall-fini ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni. Fil-kaz in ezami, ghalkemm jirrizulta li l-appellant mar ghand il-Pulizija volontarjament biex jammetti dak li kien ghamel u ndika wkoll il-mandanti tieghu, meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-19 ta' Lulju 1999, huwa ddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Kien biss kwazi erba' snin wara (fid-9 ta' Gunju 2003) li rregistra ammissjoni. Jirrizulta wkoll li l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha fit-28 ta' Marzu 2000 u l-Avukat Generali kien baghat l-artikoli sabiex l-appellant jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' April 2000. Jigifieri anke f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza l-appellant dam prattikament tliet snin sakemm ammetta.

Certament il-fatt li matul l-ahhar snin ma kkommettiex reat iehor huwa lodevoli bhalma huwa lodevoli l-fatt li jixtieq jghix hajja stabbli mal-familja tieghu. Izda mill-banda l-ohra r-reati in kwistjoni huma reati serji li setghu kellhom konsegwenzi ferm aktar gravi. Barra minn hekk jirrizulta li, fid-dawl tal-pieni preskritti ghal dawn ir-reati u l-addebitu tar-recidiva, il-piena attwalment inflitta mill-Ewwel Qorti, anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, kienet sahansitra taht il-minimu possibbli. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tvarja dik il-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------